MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 258/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Degabriele talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni waħda cioe`;

1) talli matul il-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' April 2001, gewwa Hal Balzan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix hames mitt lira Maltin (Lm500) imma hija izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-detriment ta' Peter Portelli minn Hal-Balzan;

2) u aktar talli fil-11 ta' Gunju 2001 ghall-habta tal-11.00 a.m. gewwa Hal-Balzan volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-detriment ta' Shirley Chircop minn Hal-Balzan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Degabriele hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta, izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante nuqqas kompletament ta' provi dwar hsarat li saru u li minnha lliberatu, u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Degabriele pprezentat fit-22 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi;

1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-imputat mhux hati u cioe` fl-imputazzjoni (b);
2) thassarha u ttirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u cioe` fl-imputazzjoni (a) u kwindi minnha tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjonijiet, htija w piena;
3) tirriformaha fil-parti tal-piena u cioe` fl-imputazzjoni (a) u tinfliġġi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha. Jghid li l-uniku xhud okulari li allegatament ra lill-appellant jigref il-vettura in kwistjoni kien Sebastiano Calabretta. Ghalhekk, ikompli l-appellant, filwaqt illi minn naha wahda hemm ix-xiehda ta' Calabretta min-naha l-ohra hemm ic-cahda ta' l-appellant, cahda li baqa' jsostni konsistentement. Huwa minnu, jghid l-

appellant, li harget cara l-apprensjoni li ghandu wara li l-genituri tieghu sfaw imsawta gewwa darhom izda dan bl-ebda mod ma ghandu jwassal ghal xi forma ta' inferenza li kien hu li wettaq ir-reat. Il-konflitt ta' provi ghandu b'hekk jimmilita favur tieghu.

Jinghad l-ewwelnett illi, bhalma gie kostantement ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni*

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Mario Zammit**, 24 ta' Novembru 2004; **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Huwa evidenti li l-ewwel Qorti, li kellha kull opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta tax-xhieda, ma emmnitx ic-cahda ta' l-appellant. Fil-fatt hija ghamlet evalwazzjoni cara tax-xhieda meta qalet:

"ix-xiehda ta' Peter u Louise Portelli kienet wahda preciza, fokata u minghajr xinxilli. Hemm ukoll ix-xiehda ta' Calabretta li hija meqjusa u cara, minghajr esagerazzjonijiet.

In kuntrast ix-xiehda ta' l-imputat li kien agitissimu [***recte:*** agitatissimu] meta waslet il-pulizija, kienet wahda inizjalment xotta, li pero` sa l-ghada filghodu, saret imzewqa sew. Infatti gie introdott Tunezin u mara mhux maghrufa, u giet introdotta glieda li fiha suppost l-imputat qala' xebgha sew go rasu minn Tunezin li allegatament hareg mid-dar ta' Portelli. E pure l-imputat ma qal xejn liz-zewg pulizija li kienu ser ikunu l-ewwel sokkors ghalih …. stenna sa l-ghada wara nofsinhar biex jaghmel rapport …. ma gab ebda certifikat mediku tal-griehi."

L-ewwel Qorti kkonkludiet billi rreferiet ghal din l-istorja ta' l-appellant bhala fantasija.

Din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u waslet ghall-konkluzjoni li ma ssib l-ebda raguni valida sabiex tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhuwiex verosimili li bniedem jissubixxi aggressjoni bhalma jghid l-appellant li ssubixxa, u ma jinformax lill-Pulizija li marru fuq il-post proprju ftit minuti wara li suppost sehhet dik l-aggressjoni, u li, ghalkemm l-ghada jmur l-ghassa biex jaghmel rapport u jigi mitlub biex igib certifikat mediku, lanqas imur sabiex jigi ezaminat. M'ghandhiex ghalfejn tiddubita mix-xiehda

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

ta' Sebastiano Calabretta li qabad lill-appellant *in flagrante*. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jghid li l-imputazzjoni trid tigi ppruvata kif dedotta fil-komparixxi u filwaqt li l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal hsara fi proprjeta` ta' Peter Portelli rrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet ta' Mary Louise Portelli. Issa, apparti li jidher li Mary Louise Portelli hija mart Peter Portelli u ghalhekk prezumibilment il-karrozza in kwistjoni tifforma parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom, l-elementi tar-reat addebitat lill-appellant xorta jirrizultaw. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li jirritjeni harxa z-zejjed. Jghid li ghandu fedina penali netta, jahdem bhala auto-electrician u instructor fi skola tas-snajja' tal-Gvern, hu guvni u jiehu hsieb lill-genituri anzjani tieghu.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Skond l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 il-piena ghar-reat ta' hsara volontarja fejn l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri hames mitt lira imma jkun izjed minn hamsin lira, huwa ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Ghalhekk m'hemmx dubbju li f'dan il-kaz, fejn l-ammont ta' hsara kien ta' Lm370, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri stabbiliti mil-ligi. Barra minn hekk, l-ewwel Qorti apprezzat sew ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-appellant minhabba t-trawma kawzata b'rizultat ta' aggressjoni armata ghal skop ta' serq li kienet saret fuq missieru gewwa daru stess, u ssospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta'

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

prigunerija minnha nflitta. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri millum. Il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------